MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 362/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Malcolm Bondin)**
**(Spt. Chris Pullicino)**
**Vs**
**Jean Claude Hili**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta’ Settembru 2011 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe`;

1. Talli fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Gunju 2011 ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu, gewwa Triq San Gorg f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u sar ghad-dannu ta’ Esther De Cozar Munoz u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn is-6 u s-7 t’Awissu 2011 ghall-habta ta’ l-erbgha u nofs ta’ filghodu, gewwa l-Bajja ta’ San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u sar ghad-dannu ta’ Alessandro Grappi u/jew persuna/i ohra;

3. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 t’Awissu 2011 ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu, gewwa Triq Santa Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta’ Chretien Matthieu u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 t’Awissu 2011 ghall-habta ta’ n-nofs siegha ta’ filghodu, gewwa Triq Santa Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta’ Julia Rebecca Obrecht u/jew persuna/i ohra;

5. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 t’Awissu 2011 ghall-habta ta’ t-tlieta ta’ filghodu, gewwa Triq Santa Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta’ Laura Louise McDonald u/jew persuna/i ohra;

6. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 t’Awissu 2011 ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-

ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' Viktor David Karpati u/jew persuna/i ohra;

7. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 t'Awissu 2011 f'xi hin bejn il-hdax ta' bil-lejl u s-siegha u kwart ta' filghodu, gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' Maria Sciberras u/jew persuna/i ohra;

8. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 t'Awissu 2011 f'xi hin bejn il-hdax u nofs ta' bil-lejl u l-hamsa u kwart ta' filghodu, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' Estelle Magalie Anita u/jew persuna/i ohra;

9. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Awissu u l-1 ta' Settembru 2011 ghall-habta ta' l-erbgha u nofs ta' filghodu, gewwa l-Bajja ta' San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u sar ghad-dannu ta' Sonia Alvarez u/jew persuna/i ohra;

10. U aktar talli f'xi lejl matul ix-xhur ta' qabel il-5 ta' Settembru 2011, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom arlogg tad-ditta Rolex, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' persuna/i mhux maghrufa.

11. Talli fil-lejl ta’ bejn il-31 t’Awissu u l-1 ta’ Settembru 2011 f’hinijiet differenti u f’imkejjen differenti gewwa Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi mobile phones, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u sar ghad-dannu ta’ diversi persuni mhux maghrufa

12. Talli fil-lejl ta’ bejn il-31 t’Awissu u l-1 ta’ Settembru 2011 ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu, gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta’ flus minn gewwa kartiera ta’ persuna barranija, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u sar ghad-dannu ta’ persuna/i mhux maghrufa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Settembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkundannat lill-appellant piena karcerarja ta’ sitta u tletin xahar, li f’dan il-perjodu l-appellant ghandu jiskontahom fiz-zona tal-habs ghal persuni minorenni.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Settembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontra u tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sitta u tletin (36) xahar u konsiderando l-eta` ta’ l-esponent u l-fatti partikolari ta’ dan il-kaz titratta mieghu xort’ohra b’mod, senjatament, li tnehhielu l-piena karcerarja msemmija nflitta mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
a. Illi l-piena karcerarja ma hija qatt rakkomandabbli fejn jidhol tifel minorenni, u kienet ferm anqas rakkomandabbli fil-fatti partikolari tal-kaz prezenti. L-esponent gej minn familja mifruda, ghamel ghaxar snin jghix go Istitut u meta ghalaq is-16 il-sena mar jghix ma’

ommu. Gara` pero` illi missieru waqaf jghaddi lil ommu l-manteniment u hu kien bla impjieg. Biex jghix kellu jirrikorri ghas-serq. L-esponent “first time offender” b’kondotta nadifa. Kien id-dover ta’ l-Ewwel Qorti li tipprova tghin lill-esponent jaqbad certa direzzjoni fil-hajja. L-Ewwel Qorti kellha tinsisti ma’ l-esponent li tara li huwa jkollu l-possibilita` li jirriforma ruhu u li jghieghlu joqghod ghall-impozizzjoni ta’ regoli, u mhux taghtih darha u tizbriga minnu billi twaddbu l-habs. Fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Manwel Camilleri” (17 ta’ Gunju, 1946) il-qorti ta’ l-Appell Kriminali Inferjuri kienet sensittiva ghall-eta` ta’ l-akkuzat u minflok dik il-piena karcerarja ordnat id-detenzjoni ta’ l-imputat f’”Approved School” bl-iskop li jkun hemm ir-riforma tal-karattru tad-detenut. L-esponent ghadu mhijuex imdahhal fil-hajja kriminali tant li ma jistax jigi salvat. Bil-piena karcerarja hemm aktar probabilita` li mill-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin l-esponent johrog ferm hafna aktar ghar milli hu, post fejn hu anki risaput li d-drogi jghaddu b’certa facilita`.

b. Illi barra minn hekk u bla pregudizzju ghall-premess il-piena inflitta ta’ sitta u tletin (36) xahar hija wisq eccessiva. L-esponent ikkopera mal-Pulizija u addirittura stqarr kazijiet maghhom li lanqas huma stess ma kienu jafu bihom. Il-piena kellha ghalhekk tonqos b’almenu b’zewg degrees u kellu jsir assorbiment ta’ x’uhud mir-reati ghax meta l-unika intenzjoni kriminali li taghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta’ diversi disposizzjonijiet tal-ligi ma hemmx diversi reati distinti izda biss reat wiehed bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant f’din il-kawza mhuwiex qieghed jikkontesta l-htija izda l-piena ta’ sitta u tletin (36) xahar habs illi l-ewwel Qorti erogat. L-argument tad-difiza huwa principalment imsejjes fuq il-fatt illi l-appellant kien tifel ta’ sittax (16) –il sena meta gie kkundannat u ma kellux imur il-habs ghax minn hemmhekk johrog aghar milli dahal. Veru illi l-appellant ghandu bzonn l-ghajnuna, kellu passat difficli hafna, gej minn genituri separati u di piu’ ghamilha ma kumpanija hazina li ma tantx ghenitu biex jibqa fit-triq

it-tajba. Ghalhekk appella lill-Qorti sabiex tirriforma s-Sentenza fis-sens illi ma tibghatx lill-appellant il-habs. Saret ukoll refrenza ghal kawza Il-“Pulizija vs Camilleri” li kienet deciza fin-1946 fejn anke dak iz-zmien intgharaf il-bzonn illi jkun hemm trattament differenti fejn jirrigwardja l-minuri u dawn m’ghandhomx jintbghatu l-habs.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tinsab ruhha f’certa diffikulta biex titratta dan il-kaz. Fuq naha wahda huwa minnu illi si tratta ta’ tifel illi ghadu minorenni illi qed juri tendenzi ta’ nuqqas ta’ dixxiplina u kontroll. Minn naha ‘l ohra hija rilutanti hafna illi tifel ta’ dik l-eta’ tibghatu l-habs izda, m’ghandiex alternattiva ghaliex ma jezistux istituzzjonijiet ohra barra l-habs fejn persuni ta’ eta’ zghira ikunu mizmuma wara li jkunu gew ikkundannati mill-Qorti.

Fin-1946 meta ssemma l-kaz ta’ Camilleri kien hemm l-Approved School. Illum din l-istituzzjoni m’ghadhiex tezisti. Izda l-Qorti ghandha diversi agenziji disponibli li bihom tista’ taghmel uzu sabiex il-minorenni jigi ggwidat fit-triq it-tajba. Fir-rikors ghal-liberta provizorja l-Qorti ppruvat taghmel propju dan, u b’digriet tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Ottubru ta’ l-2011 l-appellant gie moghti l-liberta provvizorja fejn fost il-kundizzjonijiet kellu jabita go Dar Leopordo mmexxija mill-Agenzija Appogg u kellu jirritorna f’hinijiet stabbiliti kif ukoll joqghod ghall-kundizzjonijiet muriha f’nota esebita ma l-istess digriet tal-liberta provizorja fejn l-agenzija elenkat il-kundizzjonijiet sabiex l-appellant ikun jista’ jigi ospitat f’Dar Leopordo. Biex ma jkunx hemm malintiz, il-Qorti qrat dawn il-kundizzjonijiet lill-appellant li accettahom bla riserva wara li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ osservazzjoni taghhom. Madankollu dan ma serva ghalxejn ghax jumejn wara, fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Ottubru tal-2011, il-Qorti rceviet nota fejn giet infurmata illi l-appellant kiser wahda mill-kundizzjonijiet fin-nota msemmija meta ma rritornax gewwa Dar Leopordo u tilef il-pozizzjoni tieghu f’dik id-dar. Ghalhekk il-Qorti ma kelliex triq ohra hlief li fl-erbgha (4) ta’ Novembru ta’ l-2011 ordnat ir-ri arrest ta’ l-appellant.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hija dejjem lesta illi toffri l-id tal-koperazzjoni lil kullhadd aktar u aktar meta si tratta ta' persuni minorenni li ghandhom jigu trattati bl-akbar delikatezza sabiex jassiguraw illi dawna ma jintilfux f'xi triq hazina li jista' jaffettwa l-bqija tal-hajja taghhom. Huwa propju dan li ppruvat taghmel din il-Qorti ma l-appellant meta, bl-assistenza ta' l-Agenzija Appogg, gie muri lilu triq illi minnha jista johrog minn dan ic-cirku vizzjuz illi dahal fih. Izda madankollu l-appellant ma kkoperax u lanqas lahqu ghaddew jumejn meta kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu illi hu stess kien accetta. Huwa inutli issa li nwahhlu fil-passat ta' l-appellant. Dan uriena bic-car illi ma jridx dixxiplina u lanqas ma jrid min jigwidah fit-triq it-tajba.

Hemm limitu ghal pacenzja tal-Qorti u ma jistax ikun illi persuna illi turi dan l-atteggjament tibqa titratta mieghu bl-ingwanti bhal li kieku din il-persuna ghandha xi drittijiet aktar minn haddiehor li tkun trattata differenti. M'huwiex it-tort tal-Qorti illi issa se titratta lill-appellant b'id iebsa wara li kien l-istess appellant illi warrab l-id tal-koperazzjoni li l-Qorti estendietlu. Jekk l-appellant issa se jghaddi zmien il-habs ta' dan jahti l-istess appellant minnhabba dik ir-ras iebsa u nuqqas ta' dixxiplina illi ghandu. Il-Qorti fliet sew l-atti ta' din il-kawza u s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-sitta (6) ta' Settembru ta' l-2011 u ssib li hija legalment korretta u l-Qorti setghet ragjonevolment rasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha mill-provi illi kellha quddiemha. L-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll id-dikjarazzjoni bikrija ta' htija illi ghamel l-appellant u madankollu meta qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u nkluz ukoll in-nuqqas tad-dixxiplina u koperazzjoni ta' l-appellant, ikkundannatu ghall-perjodu ta' habs effettiv liema perjodu huwa fil-parametri tal-Ligi. U allura anke hawnhekk il-Qorti ma jidrilhiex illi ghandha tiddisturba.

Hu pacifiku u stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal

ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju. Sabet illi l-ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha ghalhekk mhux il-kaz illi s-Sentenza tigi disturbata. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------